Avviż għall-attenzjoni tal-persuni u l-entitajiet li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran

(2012/C 380/04)

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

L-informazzjoni li ġejja tingħieb għall-attenzjoni tal-persuni u l-entitajiet li jidhru fl-Anness II għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK [1] u fl-Anness IX għar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012 [2] dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran.

Il-persuni u l-entitajiet kkonċernati jistgħu, jibagħtu talba lill-Kunsill, flimkien ma' dokumentazzjoni ta' sostenn, li d-deċiżjoni biex jiġu inklużi fil-listi msemmijin hawn fuq għandha tiġi kkunsidrata mill-ġdid, sal-31 ta' Jannar 2013, fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Ser jittieħed kont ta' kwalunkwe osservazzjoni riċevuta għall-finijiet tar-rieżami perjodiku tal-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) Nru 267/2012 u l-Artikolu 26(3) tad-Deċiżjoni 2010/413/PESK, tal-lista ta' persuni u entitajiet nominati fl-Anness IX u l-Anness II rispettivament.

---

[1] ĠU L 195, 27.7.2010, p. 39.
[2] ĠU L 88, 24.3.2012, p. 1.